MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 2/1996/3

**Anthony sive Tony Aquilina**

**vs**

**Av. Anthony Henry Farrugia li b'degriet tal-24 ta' Settembru 1996 gie nominat deputat kuratur biex jirraprezenta lill-imsiefer Robert Yates ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Mark James – Salvage Limited.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

B’citazzjoni tad-9 ta’ Settembru, 1996 ppresentata quddiem din il-Qorti, l-attur ppremetta li fil-31 ta’ Mejju, 1996 inghatat sentenza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet “Robert Yates ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Mark James – Salvage – Limited vs Anthony sive Tony Aquilina” (Citazz. Nru 733/92); u peress li l-attur Anthony sive Tony Aquilina pprezenta rikors ghal ritrattazzjoni ta’ din il-kawza quddiem din il-Qorti a bazi ta’ l-Artikolu 811 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) billi s-sentenza ttiehdet bil-qerq kif jirrizulta wkoll minn dokument deciziv li nstab wara s-sentenza li kienet ukoll l-effett ta’ zball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza; u billi s-socjeta` Mark James – Salvage – Limited tista’ tesegwixxi dina s-sentenza nonostante t-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza; u peress illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza tikkaguna akbar pregudizzju lill-attur milli pregudizzju ghas-socjeta` konvenuta; talab li din il-Qorti:-

1. tiddecidi u tiddikjara li l-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija tikkaguna aktar pregudizzju lill-attur milli pregudizzju gahs-socjeta` konvenuta;
2. tordna lis-socjeta` konvenuta biex ma tezegwiex is-sentenza moghtija fil-31 ta’ Mejju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet “Robert Yates ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Mark James – Salvage – Limited vs Anthony sive Tony Aquilina” (Citazz. Nru 733/92) kontra l-attur sakemm issir ritrattazzjoni ta’ din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

B’nota tal-20 ta’ Marzu 1997 il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi t-talba ta’ l-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi kif jidher mill-fatti elenkati fid-dikjarazzjoni ma jkunx gust li l-konvenut nomine jigi mcahhad milli jigbor il-kreditu tieghu.

2. L-esponent jissottometti li l-kostitwenti tieghu qed ihossu li huma qed jigu michudin mid-drittijiet taghhom ghaliex huma socjeta` estera u wiehed jista' japprezza d-diffikolta li qed isib l-esponent bhala mandatarju lokali taghhom biex jipprova jispjegalhom u jiggustifikalhom b'xi mod ir-ragunijiet ghal dan id-dewmien. Dan li ntqal s'intendi, mhu l-ebda rifless fuq l-Onorabbli Qrati taghna.

Rat l-atti l-ohra kollha w d-dokumenti ezebiti.

Ittratat l-kawza.

**Ikkunsidrat:-**

It-talba maghmula f'dawn il-proceduri hija intimament marbuta mal-proceduri ta' ritrattazzjoni istitwiti mill-attur odjern in segwitu ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 1996 li kienet ikkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Kummerc li permezz taghha l-attur odjern kien gie kkundannat ihallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta' LM9425 oltre l-imghax skond il-ligi u l-ispejjez tal-imsemmija proceduri. Din ir-rabta tirrizulta mit-tieni talba fic-citazzjoni fejn l-Qorti qed tintalab li tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza pendenti l-ezitu tal-proceduri ta' ritrattazzjoni.

Illum dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni gew determinati b'sentenza tallum stess fejn it-talbiet kontenuta fir-rikors gew michuda bl-ispejjez kontra r-rikorent u cioe` l-attur odjern. Gialadarba t-talba ghar-ritrattazzjoni giet michuda isegwi li dawn il-proceduri qatt ma jista` jkollhom ezitu favorevoli ghall-attur billi s-sentenza attakkata llum hija definittivament **res judicata** bl-effetti kollha li tali pronunzjament johloq bejn il-kontendenti. Il-meritu ghalhekk huwa ezawrit.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez jigi osservat li bhala regola general huwa provdut fl-Artikolu 823 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li talba ghar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata. B'dana kollu, is-subinciz (2) tal-imsemmi artikolu jipprovdi li "l-qorti li quddiemha tintalab ritrazzjoni tista', ad istanza, b'rikors

quddiem il-Qorti ta’ l-Appell u b’citazzjoni quddiem il-qorti ta’ l-ewwel grad, tal-parti li taghmel dik it-talba, tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza jekk:-
a) flimkien mat-talba taghha diki il-parti taghti garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tigix imhassra, maghduda dik il-garanzija kif imsemmija fis-subartikolu (10) ta’ l-artikolu 266; u

b) jigi muri ghas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta’ l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-attur ippekka kontra l-provedimenti kollha hawn fuq riportati billi:-
1. Il-proceduri odjerni, ghalkemm quddiem din il-Qorti, gew istitwiti b’citazzjoni u mhux b’rikors.
2. Ma gietx prezentata l-garanzija mehtiega ghall-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.

3. Ma ngiebet ebda prova sabiex turi li l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lill-attur milli t-twaqqif ta’ l-esekuzzjoni tikkaguna lis-socjeta` kreditrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li ma tiehux aktar konjizzjoni tal-meritu billi dan illum ezawrit, tikkundanna lill-attur ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------